MALTA

# QORTI CIVILI
# PRIM' AWLA

## ONOR. IMHALLEF
## JOSEPH AZZOPARDI

Seduta ta' l-10 ta' Dicembru, 2008

Numru 786/2008

Fl-atti tal-mandat ta’ sekwestru kawtelatorju numru 525/08 fl-ismijiet:

**Emanuel Vella u Maria Dolores Vella Croker.**

**-vs-**

**Adelina Sacco u Connie Abdilla.**

**Il-Qorti;**

Rat ir-rikors ippreżentat fl-1 ta’ Awissu, 2008 li permezz tiegħu Adelina Sacco u Connie Abdilla esponew bir-rispett:

Illi fil-11 ta’ April, 2008 l-imsemmija konjuġi Vella talbu u ottjenew ukoll il-ħruġ ta’ mandat ta’ sekwestru kawtelatorju

kontra l-istess esponenti, liema mandat ta' sekwestru kawtelatorju jġib in-numru 525/08.

Illi apparti l-mandat hawn fuq imsemmi, l-istess konjuġi Vella fid-9 ta' Mejju, 2008 talbu l-ħruġ ta' mandat ta' inibizzjoni kontra l-istess esponenti Sacco, liema mandat iġib in-numru 699/08AF fl-ismijiet "Emanuel Vella pensjonant bin il-mejjet Carmelo u Mona *nee'* Abela flimkien ma' martu Maria Dolores Vella, bint Vincent Croker u Matilde *nee'* Caruana mwielda Birżebbuġa u residenti l-Mosta vs Adelina Sacco mart Carmelo minnu legalment separata bint il-mejjet Joseph Stafrace u Maria *nee'* Gauci mwielda Suez l-Eġittu u residenti l-Pieta'. Dan il-mandat ta' inibizzjoni ntlaqa' minn din l-Onorabbli Qorti b'mod definittiv fil-5 ta' Ġunju, 2008 u dan biss in kwantu jirrigwarda l-fond *groundfloor maisonette* 136, Reid Street, Gżira.

Illi oriġinarjament dan il-mandat kien immirat lejn tliet proprjetajiet iżda din l-Onorabbli Qorti għoġobha tillimitah għal proprjeta' waħda biss fuq imsemmija.

Illi għalhekk jirriżulta bl-aktar mod ċar u inekwivoku li bil-ħruġ tal-mandat kawtelatorju ta' inibizzjoni fuq ċitat hemm garanzija xierqa sabiex tissodisfa l-pretensjoni tal-konjuġi Vella.

Illi minkejja dan kollu u għalkemm l-istess konjuġi Vella ġew interpellati sabiex joħorġu l-kontro-mandat ta' sekwestru relattiv *in vista* taċ-ċirkostanzi hawn fuq spjegati huma baqgħu inadempjenti.

Illi għalhekk l-esponenti qed iressqu dan ir-rikors relattiv *ai termini* ta' l-Artiklu 836 tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

Għaldaqstant l-esponenti jitolbu bir-rispett illi din l-Onorabbli Qorti għar-raġunijiet premessi jogħġobha:-

a) Tordna s-smigħ ta' dan ir-rikors b'urġenza *ai termini* ta' l-Artiklu 836(2) tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

b) Tirrevoka l-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 525/08 fl-ismijiet "Emanuel Vella u martu Maria Dolores Vella Croker vs Adelina Sacco u Connie Abdilla", u dan a tenur ta' l-Artiklu 836(1) (c) u (f) tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

c) Tordna lir-rikorrenti Emanuel Vella u martu Maria Dolores Vella Croker sabiex iħallsu lill-esponenti penali *ai termini* ta' l-Artiklu 836(8) tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta.

d) Fin-nuqqas illi jiġi revokat il-mandat ta' sekwestru kawtelatorju numru 525/08, tordna lill-persuna li fuq talba tagħha nħareġ il-mandat odjern sabiex *ai termini* ta' l-Artiklu 838A tal-Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta, tagħti garanzija suffiċjenti fl-ammont li tiffissa din l-Onorabbli Qorti għal ħlas ta' penali li tista' tiġi mposta u ta' danni u imgħax, u fin-nuqqas li tingħata tali garanzija, tirrevoka tali mandat.

Bl-ispejjeż kontra l-persuna li fuq talba tagħha nħareġ il-mandat odjern, inġunta in subizzjoni u b'riserva għal kull azzjoni oħra spettanti lill-istess esponenti skond il-liġi.

Rat ir-risposta ta' Emanuel Vella u Maria Dolores Vella Croker, ippreżentata fl-20 ta' Novembru, 2008, li permezz tiegħu esponew bir-rispett:

Illi t-talbiet tar-rikorrenti Sacco u Abdilla għandhom jiġu lkoll respinti bl-ispejjeż kontra tagħhom għar-raġunijiet hawn taħt imsemmija:-

1. L-odjern rikors huwa rritu u null peress illi dan kellu jiġi ppreżentat quddiem il-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili li qed jisma' l-każ in kwistjoni li jitratta l-mertu tal-mandat kawtelatorju, *cioe'* r-rikors ġuramentat numru 442/08AF liema każ jinsab differit għat-3 ta' Diċembru, 2008 u dan a tenur ta' l-Artiklu 836(1) Kapitlu 12 tal-liġijiet ta' Malta;

2. Illi l-Prim'Awla tal-Qorti Ċivili fid-digriet tagħha tal-5 ta' Ġunju, 2008 fl-atti tal-Mandat ta' Inibizzjoni numru 699/08AF kien ikkonferma l-istess mandat fil-konfront biss

tat-terran 136, Reid Street, Gżira peress illi fil-kors ta' l-istess mandat u fit-trattazzjoni li kienet saret dwaru, kien issemma u kwindi l-Prim'Awla kienet ħadet ukoll in konsiderazzjoni tal-fatt li *oltre* l-Mandat ta' Inibizzjoni kien hemm ukoll *in vigore* kontra l-istess rikorrenti Sacco u Abdilla, l-odjern mandat ta' sekwestru;

3. Illi *oltre* dan jingħad ukoll li l-imsemmi terran waħda ma huwiex garanzija biżżejjed għall-kreditu pretiż mill-konjuġi Vella minħabba l-fatt li jista' jiġi kanonizzat kreditu favur tagħhom in eċċess tal-valur ta' l-istess terran;

4. Illi l-konsiderazzjoni magħmula fil-paragrafu preċedenti hija msaħħa mill-fatt li t-terran jista' jġib prezz baxx fl-eventwalita' li jkollu jinbiegħ bl-irkant taħt l-Awtorita' tal-Qorti u kif ukoll u partikolarment minħabba l-fatt li l-istess terran jinsab okkupat b'titolu mhux magħruf minn bint Adelina Sacco flimkien ma' żewġha li jiġi l-iben ta' Connie Abdilla;

5. Illi ma teżisti ebda raġuni legali l-għala l-konjuġi Vella għandhom iħallsu xi penali u jew li jiġu tenuti jqegħdu xi garanzija.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenuti maħlufa u l-lista tax-xhieda.

Rat il-verbal tas-seduta ta' l-1 ta' Diċembru, 2008 li permezz tiegħu l-kawża tħalliet għas-sentenza.

Ikkunsidrat;

Illi r-rikorrenti qed jibbażaw it-talba tagħhom biex jiġi revokat il-mandat fil-konfront tagħhom minħabba diversi raġunijiet iżda prinċipalment għaliex qed isostnu li l-kreditu li għandhom il-kredituri huwa garantit permezz ta' mandat ta' inibizzjoni li permezz tiegħu huma projbiti li jittrasferixxu proprjeta' li tista' iktar mill-allegat kreditu.

L-ewwel eċċezzjoni hija fis-sens li dawn il-proċeduri misshom saru quddiem il-Qorti li qed tisma' l-kawża bejn

il-partijiet. Il-Qorti ma tħossx li d-*dicitura* ta' l-Artiklu 836(1) hija mandatorja f'dan is-sens għaliex dan l-artiklu juża l-kelma "*jista'*" u għalhekk għalkemm il-Qorti tifhem li l-ħsieb tal-leġislatur kien fis-sens li qed jargumentaw l-intimati f'dawn il-proċeduri, il-kliem użat ma jħalluhiex tiddeċiedi f'dan is-sens.

Għandu jingħad illi dawn il-proċeduri huma ta' natura sommarji u għalhekk il-Qorti trid tiddeċiedi fuq dak li jidhrilha *prima facie* mingħajr ma tidħol f'wisq dettall dwar il-vertenza li jkun hemm bejn il-partijiet. Għalhekk fil-każ in eżami jidher ċar għall-Qorti li r-rikorrenti għalkemm il-kredituri għandhom favur tagħhom il-mandat imsemmi fuq proprjeta' li *ictu oculi* l-valur tagħhom jeċċedi l-istess kreditu u dan a bażi ta' l-istima li għamel il-perit tal-fiduċja tagħhom ma ssodisfawx lill-Qorti li b'daqshekk il-kreditu huwa żgur kopert, u dan għal żewġ raġunijiet prinċipali.

L-ewwelnett ma huwiex ċar jekk qabel il-kredituri odjerni jeżistux oħrajn li jista' jkollhom ipoteki speċjali jew *a dirittura* privileġġi li jrendu l-garanzija li għandhom l-intimati f'dawn il-proċeduri inqas soda, u din il-prova kellhom jagħmluha r-rikorrenti billi jesebixxu r-riċerki uffiċċjali tagħhom. *Oltre* dan ma hemm ebda garanzija li l-bejgħ ta' l-istess proprjetajiet fis-subasta tista' ġġib il-prezz indikat mill-perit. Għalhekk il-Qorti ma tarax li għandha tilqa' t-talbiet quddiemha.

**Għal dawn il-motivi l-Qorti tiċħad it-talbiet tar-rikorrenti. L-ispejjeż ikunu bla taxxa bejn il-partijiet.**

**Moqrija.**

**< Sentenza Finali >**

---------------------------------TMIEM---------------------------------